**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 13**

**Avviz Nru: 1422/01 AE**

**George Muscat**

**vs**

**Alan Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) hlas dovut bhala danni kagunati mill-konvenut f'incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' Lulju 2001, fi Triq Hammieri, Qormi bejn il-vettura bin-numru DAF 795 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru LCC 464 misjuqa minn Marie Rose Muscat u propjeta ta' l-attur, liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra r-risposta (fol. 9) li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta l-htija ghall-incident in kwistjoni.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fis-17 ta' Lulju 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq Hammieri, Qormi. Il-vettura misjuqa mill-konvenut (DAF 795) kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni ta' Mdina Road Qormi, mentri dik misjuqa minn mart l-attur kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

2. It-Tribunal kellu l-opportunita li jaccedi fuq il-post fejn sehh l-incident u qies il-konfigurazzjoni tat-triq. Irid jinghad li Triq Hammieri hija triq wiesgha. Il-direzzjoni li kien qieghed isuq il-konvenut hija ghat-tela', u l-vizwali tieghu ghall-vetturi li jkunu gejjin mid-direzzjoni opposta kienet fit-tul. Din l-ahhar konsiderazzjoni tapplika wkoll ghas-sewwieq tal-vettura l-ohra nvoluta fl-incident.

3. Il-verzjoni moghtija mis-sewwieqa huma kontrastanti. Il-konvenut ighid li kienet il-vettura l-ohra li dahlet fil-karreggjata tieghu. Fil-verzjoni li ta lill-pulizija li nvestiga l-kaz (Dok. FR1) nsibu: *"Jien kont tiela' bil-mod u il-vettura l-ohra giet fuqi. Jien bid-daqqa dort wicci l-isfel"*. Marie Rose Muscat xehdet li *"f'hin minnhom din gibdet fuq il-lemin taghha u sehh l-incident. Jiena nifhem illi l-vettura DAF 795 riedet tidhol ghal gewwa triq sekondarja li hija Triq il-Bard"* (seduta tas-16 ta' Jannar 2002).

4. Huwa maghruf li: *"f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li dak li gara kien tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi ta' l-azzjoni tieghu"* (**Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi Frar 1972). Huwa stabbilit ukoll li: *"meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbli u verosimili, l-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur,* ***<u>jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur</u>****"* (**G Mifsud vs P Micallef** deciza mill-Prim'Awla fl-1 ta' Lulju 1997).

5. It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet kontradittorji, u ghandu d-dover li jqies il-piz tal-provi migjuba quddiemu, ferm dejjem il-principju li min jallega jrid jipprova, in kwantu l-prova *incubit ei qui dicit non ei qui negat*.

6. Il-hsarat li garrbu z-zewg vetturi kienu estensivi, u dan kif jirrizulta mir-ritratti li gew prezentati mill-kontendenti.

7. Wara li t-Tribunal qies ix-xhieda moghtija mill-partijiet u l-hsara li saret fil-vetturi rispettivi, jemmen li l-verzjoni moghtija minn Marie Rose Muscat hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut. Irid jisemma li:

- Id-daqqa fil-vettura misjuqa mill-konvenut hija wahda frontali. It-tielet ritratt f'Dokument AS2 jikkonferma li l-impatt sehh fil-faccata tal-vettura Skoda Felicia, proprju fin-nofs. Il-konvenut xehed li kienet il-vettura misjuqa minn Marie Rose Muscat li nvadiet il-karreggjata tieghu u *"il-vettura LCC 464 baqghet diehla fuq quddiem tal-karrozza tieghi **f'angolatura**"*. Il-hsara fil-vettura Ford Escort LCC 464 (ara dokument F) saret **<u>fil-gemb</u>** tal-vettura proprju fejn hemm ir-rota ta' quddiem (in-naha tax-xufier). Hsara li teskludi l-verzjoni moghtija mill-konvenut. Inoltre, li kieku l-incident sehh fil-post u bil-mod li ddeskriva l-konvenut, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-vetturi ma kienux jispiccaw fuq in-naha l-ohra tat-triq kif muri fl-iskizz (Dok. MM1).

- Il-konvenut xehed, *"meta jiena rajt il-vettura LCC 464 l-ewwel darba, dan kien distanza ta' xi zewg vetturi"*. Kif diga' nghad, dik il-parti tat-triq hija ghat-tul. Jekk kif qal il-konvenut ra l-vettura l-ohra meta din kienet daqshekk vicin, ifisser li kien aljenat u ma kienx qieghed izomm *'proper lookout'*.

- L-irqajja ta' zejt li l-ufficjal tal-pulizija sab fuq il-post ta' l-incident (zejt li rrizulta li hareg mill-vettura misjuqa mill-konvenut) kienu fil-karreggjata li kienet ghaddejja minnha l-vettura Escort LCC 464.

- Il-konvenut filwaqt li qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif jidhru fuq l-iskizz li ghamel l-ufficjal tal-pulzija li nvestiga l-kaz (Dok. MM1), immarka *"b'zewgt islaleb il-post fejn sehh l-incident"*. Mhuwiex verosimili li din il-vettura li kienet qeghda ghat-telgha, ma' l-impatt imxiet lura dik id-distanza kollha skond kif ma pprova jaghti x'jifhem il-konvenut.

Cirkostanzi li kollha jsahhu l-konvinciment ta' dan it-Tribunal li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

8. Fir-rigward tal-quatum tad-danni, ma jirrizultax li t-tiswija saret. Minn fol. 13 sa 18 jirrizulta li d-danni jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1,387.29):

- Lm280……….panel beating.
- Lm210……….spray painting.
- Lm  15……….rust proof.
- Lm801.79……xiri ta' parts.
- Lm23………...irmunkar.
- Lm57.50……..kiri ta' vettura.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Hammieri, Qormi fis-17 ta' Lulju 2001 bejn il-vettura Ford Escort bin-numru LCC 464 u l-vettura Skoda Felicia bin-numru DAF 795.

2. Jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u sebgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm1,387.29).

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**